MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 83/2011/1

**Easygas Malta Limited (C-45789)**
***v.***
**Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi**

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-qorti tħassar l-Avviż Legali 465 tal-2011 ["A.L. 465/2011"] li bis-saħħa tiegħu saru r-Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt ["ir-Regolamenti Prinċipali"] maħruġa taħt l-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi [Kap. 423], għax tgħid illi sar bi ksur tal-jedd tagħha għat-tgawdija ta' ħwejjiġha mħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-

Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["l-Ewwel Protokoll"].

2. B'sentenza tat-12 ta' Mejju 2012, li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti għażlet illi ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewopeja ["Kap. 319"] billi kienet tal-fehma illi l-attriċi kellha mezzi xierqa ta' rimedju taħt xi liġi oħra.

3. L-attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-5 ta' Ġunju 2012. L-aggravji tagħha huma essenzjalment tnejn: (i) ma saritx eċċezzjoni formali fil-forma li trid il-liġi dwar ir-rimedju alternattiv; u, fil-meritu, (ii) ma hemmx rimedju alternattiv. Il-konvenuti wieġbu fit-18 ta' Ġunju 2012 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

4. Il-fatti relevanti għal dan l-appell huma dawn: Is-soċjetà attriċi tbigħ (fost prodotti oħra) *liquefied petroleum gas* f'ċilindri għal konsum domestiku. Qabel ma daħlet fis-suq l-attriċi, impriża oħra – illum kompetitriċi tal-attriċi – effettivament kellha monopolju fis-suq. Għalkemm is-suq ġie liberalizzat, l-attriċi sabitha ħaġa iebsa li tħajjar lill-konsumaturi jixtru mingħandha u hekk tippenetra s-suq.

5. Ir-raġuni hija din: meta kien jixtri l-gass għall-ewwel darba mingħand l-impriża l-oħra fi żmien il-monopolju, il-konsumatur kien iħallas depożitu fuq iċ-ċilindru, u dan id-depożitu jieħdu lura biss jekk irodd iċ-ċilindru. Sakemm jerġa' jixtri l-gass mingħand l-impriża l-oħra il-konsumatur ma kellux għalfejn jitlob id-depożitu lura għax meta jrodd iċ-ċilindru l-vojt kien jieħu wieħed mimli u dejjem ikollu ċilindru f'idejh.

6. Jekk iżda jagħżel li jixtri gass mingħand l-attriċi u għalhekk ma jkunx jeħtieġ aktar iċ-ċilindri li kienu jintużaw għall-prodott tal-impriża l-oħra – li huma ta' għamla differenti u ma jistgħux jimtlew bil-prodott tal-atttriċi – ikun fl-interess tiegħu li jrodd iċ-ċilindru l-qadim lill-impriża l-oħra biex jieħu lura d-depożitu.

7. Biex jagħmel hekk, iżda, il-konsumatur seta' jġarrab telf għax, sakemm ma jurix riċevuta li turi li kien ħallas ħamsa u għoxrin euro (€25), kien jingħata lura biss ħames euro (€5) wkoll jekk fil-bidu jkun ħallas ħamsa u għoxrin euro (€25) bħala depożitu iżda r-riċevuta jkun tilifha. Dan it-telf ta' għoxrin euro (€20) kull ċilindru kien disinċentiv u

kien iżomm lill-konsumatur lura milli jibdel l-impriża li mingħandha jixtri l-gas.

8. Biex tegħleb dan l-ostakolu l-attriċi għażlet illi tħallas hi ħamsa u għoxrin euro (€25) lill-konsumatur li jroddilha ċilindru tal-impriża l-oħra u dak iċ-ċilindru żżommu hi għalkemm ma setgħetx timlieh bil-prodott tagħha. B'hekk l-attriċi bdiet tikseb klijenti ġodda u bdiet tippenetra s-suq. Dan iżda setgħet tagħmlu biss sakemm bis-saħħa tal-A.L. 465/2011 daħlu fis-seħħ emendi għar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt, li ma jħalluhiex iżżomm iċ-ċilindri iżda jġegħluha trodd iċ-ċilindri li tkun ġabret lill-impriża l-oħra u tingħata lura ħames euro (€5) biss għal kull ċilindru, b'telf għaliha.

9. Għalhekk l-attriċi fetħet din il-kawża tallum għax qiegħda tgħid illi bis-saħħa ta' dak l-Avviż Legali qiegħda tiġi mċaħħda minn beni (iċ-ċilindri) mingħajr kumpens xieraq u mingħajr jedd ta' aċċess għal qorti.

10. L-ewwel qorti għamlet dawn l-osservazzjonijiet:

«Illi f'dan il-kuntest partikolari analiżi legali tal-fattispeċi in diżamina kif irriżultaw fil-proċedura odjerna kollha jimmilitaw f'direzzjoni waħda, dik anke sottolineata mill-istess soċjetà rikorrenti, li effettivament l-Avviż Legali in diżamina jista' allegatament jipperturba s-suq oligopolistiku li fih l-istess soċjetà rikorrenti topera u konsegwentement ipoġġiha fi żvantaġġ serju kompetittiv meta meqjus mas-soċjetà rivali diretta tagħha;

«Illi *del resto* għalhekk, meta din il-qorti tistabbilixxi dan mhix qed taffettwa xi rivelazzjoni immana għaliex anke l-istess soċjetà rikorrenti tistqarr din l-istess sitwazzjoni saħansitra fin-nota ta' sottomissionijiet tagħha stess (ara *fol*. 214);

«… … …

«Illi tenut kont tas-sintesi fattwali u ġurisprudenzjali fuq espost, għandu jkun paċifiku li s-soċjetà rikorrenti ma jirriżultax li eżawriet ir-rimedji ordinarji spettanti lilha;

«Illi b'analoġija tagħmel referenza wkoll għal sitwazzjonijiet simili fejn kemm intrapriża involuta fil-bejgħ tal-*petrol*; intrapriża ohra involuta fil-qasam tas-saħħa; u addirittura settur sħiħ involut fil-bejgħ tal-*petrol* mill-pompi lkoll impunjaw Avviżi Legali differenti b'suċċess u dan, kemm mingħajr ma kellhom il-ħtiega jirrikorru għar-rimedju

kostituzzjonali prospettat f'din il-proċedura, u bi gwadan kemm finanzjarju u temporali għalihom;

«Illi għandu wkoll ikun ovvju li mhux il-kompitu ta' din il-qorti li tipprovdi jew b'xi mod tindika x'inhu r-rimedju prospettat – ħaġa li *del resto* l-istess soċjetà rikorrenti tidher li hi ben konoxxenti minnha;

«Illi *in vista* tas-suespost din il-qorti m'għandhiex alternattiva ħlief li tilqa' r-risposta tal-intimati u tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha lilha mogħtija taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.»

11. Dak li jidher li trid tgħid l-ewwel qorti huwa illi l-kwistjoni hija waħda milquta mil-liġi dwar il-kompetizzjoni għax l-Avviż Legali jfixkel it-tħaddim tas-suq ħieles b'mod li jqiegħed lill-attriċi fi żvantaġġ kompetitiv. Mela l-attriċi kien imissha tfittex rimedju taħt il-liġi ordinarja, preżumibilment il-liġi li tirregola l-kompetizzjoni u l-kummerċ ġust, għalkemm is-sentenza appellata żżomm lura milli tgħid dan espressament. Ir-referenza għan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attriċi tidher li hija għal din is-silta miġjuba hawn taħt:

«… … … is-soċjetà rikorrenti setgħet tallega abbuż ta' dominanza taħt il-Kap. 379[1] quddiem l-*OFC*[2]. Minflok, ħadet miżura prettament kummerċjali u, biex tħajjar lill-konsumatur, offriet prezz tas-suq għal kull ċilindru vojt li takkwista mingħandu meta jixtri servizz ġdid mingħandha – offerta li għadha qed tagħmel sallum.»

12. Ngħaddu issa biex inqisu l-aggravji tal-attriċi. L-ewwel aggravju jgħid illi ma saritx eċċezzjoni formali fil-forma li trid il-liġi dwar ir-rimedju alternattiv: l-eċċezzjoni tressqet biss f'nota ta' sottomissjonijiet bi tweġiba għal dik tal-attriċi wara li l-attriċi kienet ġà għalqet il-każ tagħha.

13. Din l-eċċezzjoni hija ħażina. L-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja jagħtu lill-qorti s-setgħa li tagħżel *sua sponte* li ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt dawk il-liġijiet meta jidhrilha li hekk ikun xieraq biex tħares in-natura straordinarja tar-rimedji li jagħtu. Li ma kienx hekk il-partijiet kienu jkunu jistgħu, biex jibbenefikaw mill-prijorità li tingħata lil dawn il-proċeduri, jagħżlu b'kollużjoni li

---

[1] Att dwar il-Kompetizzjoni.

[2] Uffiċċju għall-Kompetizzjoni (*Office for Competition*).

vertenza ta’ natura ċivili jġibuha quddiem qorti ta’ kompetenza kostituzzjonali bla ma l-qorti tkun tista’ tagħmel xejn biex ma tħallix li dawn il-proċeduri jiġu trivjalizzati.

14. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

15. Ngħaddu għalhekk għat-tieni aggravju li jolqot il-meritu jekk l-attriċi għandhiex tassew rimedju taħt il-liġi ordinarja.

16. Il-qorti tibda biex tgħid illi, għalkemm l-attriċi qiegħda tfittex li tħassar leġislazzjoni sussidjarja, l-interess tagħha essenzjalment hu illi ma tibqax fis-seħħ sitwazzjoni li, fil-fehma tagħha, hija anti-kompetitiva. Dan qiegħed jingħad għax jekk ir-rimedji ordinarji li tista’ tfittex l-attriċi ma jwasslux għat-tħassir tal-Avviż Legali iżda xorta jrażżnu attività anti-kompetitiva, l-attriċi xorta tkun kisbet il-ħarsien tal-interessi tagħha mingħajr il-ħtieġa tar-rimedju kostituzzjonali. Dan igħodd ukoll jekk ir-rimedju jista’ jinkiseb mhux kontra l-konvenuti tallum iżda kontra impriża kummerċjali li tkun qiegħda twettaq jew tibbenefika minn attività anti-kompetitiva bis-saħħa ta’ jeddijiet mogħtija lilha taħt l-A.L. 465/2011.

17. Għalhekk, ma hijiex qiegħda tgħid sew l-attriċi meta fir-rikors tal-appell tagħha tgħid illi “minħabba li dan il-ksur jikkonsisti fit-teħid ta’ proprjetà fil-pussess leġittimu tal-appellanti, u li dan sar permzz ta’ Avviż Legali, l-uniku rimedju li setgħet tinghata s-soċjetà appellanti kien li jiġi dikjarat null l-Avviż Legali in kwistjoni”.

18. L-istess jingħad dwar dak li kompliet qalet l-attriċi fir-rikors tal-appell:

«illi meta s-soċjetà rikorrenti apellanti qalet illi setgħet tadotta proċeduri ordinarji quddiem l-*OFC*, dan kien sabiex tattakka miżura li adottat is-soċjetà kompetitriċi tagħha … meta din offriet lill-konsumaturi kumpens ta’ €5 biss għar-ritorn ta’ kull ċilindru li jiswa €25 sabiex tagħmilha diffiċli biex il-konsumatur ibiddel is-servizz, u mhux biex tattakka liġi li qiegħda tispussessaha mill-proprjetà tagħha.»

19. Jekk ir-rimedju għall-ilment tagħha l-attriċi tista’ tiksbu bil-proċeduri ordinarji kontra l-kompetitriċi tagħha, ma jifdlilhiex ħtieġa u interess illi tikseb rimedju addizzjonali bil-proċeduri tallum, u għalhekk ma jkunx

xieraq li l-qorti tinqeda bis-setgħat tagħha taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap. 319.

20. Ir-rimedji indikati mill-ewwel qorti huma dawk li jista' jagħti t-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur imwaqqaf bl-artikolu 31 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur ["Kap. 510"] jew li setgħet tagħti l-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust, predeċessur ta' dak it-tribunal. Fil-fatt il-każijiet li semmiet l-ewwel qorti jidher li kienu każijiet quddiem dik il-kummissjoni. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti messha kienet aktar preċiża fl-identifikazzjoni tar-rimedji ordinarji disponibbli.

21. Fil-każ tallum l-ilment tal-attriċi hu illi l-effett tal-A.L. 465/2011 jikser il-jedd tagħha għat-tgawdija ta' ħwejjiġha mħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Dan il-ksur jista' jseħħ bis-saħħa tal-*proviso* għar-reg. 5A(1), tal-*proviso* għar-reg. 5A(4) u tar-reg. 5A(7) miżjuda fir-Regolamenti Prinċipali bl-A.L. 465/2011:

«**5A.** (1) … il-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat biex jimporta u, jew ibiegħ bl-ingrossa GPL u, jew il-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mill-Awtorità biex ibigħ bl-imnut GPL, inkluż il-bejgħ bl-imnut ta' ċilindri mimlija bil-GPL li jistgħu jinġarru [*i.e.* is-soċjetà attriċi], għandu jreġġa' lura ċilindri li jistgħu jinġarru li jinġabru mingħand klijenti aħħarin bi spejjeż tiegħu, lill-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mill-Awtorità biex jimporta u, jew ibiegħ bl-ingrossa GPL u li jkun is-sid ta' dak iċ-ċilindru li jista' jinġarr [*i.e.* l-impriża kompetitriċi] f'intervalli ta' sebat ijiem kalendarji 'l bogħod minn xulxin;

«… … …

«(4) … klijenti aħħarin li ma jkollhomx riċevuta … … … għandhom jingħataw lura mill-provditur awtorizzat li jkun is-sid ta' dak iċ-ċilindru li jista' jinġarr ammont ta' ħames euro (€5) għat-treġġigħ lura permanenti ta' ċilindru li jista' jinġarr li kien kkonsenjat lil dak il-klijent aħħari;

«… … …

«(7) Il-klijent aħħari jista' jreġġa' lura b'mod permanenti ċ-ċilindru li jista' jinġarr għall-finijiet ta' restituzzjoni lill-provditur awtorizzat … li jkun kkonsenja ċ-ċilindru li jista' jinġarr lill-klijent aħħari [*i.e.* l-impriża kompetitriċi] permezz ta' provditur awtorizzat [*i.e.* is-soċjetà attriċi].»

22. Fil-fatt l-ilment tal-attriċi ma huwiex illi qiegħda tħallas ħamsa u għoxrin euro (€25) għal kull ċilindru vojt – dak qiegħda tagħmlu minjeddha – u lanqas illi l-kompetitriċi ma hijiex obbligata tħallasha ħamsa u għoxrin euro (€25) għal kull ċilindru li troddilha, sakemm l-attriċi għandha l-għażla troddhomlhiex jew le: l-ilment hu illi l-attriċi hija obbligata trodd iċ-ċilindri li tagħhom titħallas biss ħames euro (€5) għal kull ċilindru.
23. L-attriċi tgħid illi ma tistax tfittex rimedju taħt l-Att dwar il-Kompetizzjoni [“Kap. 379”] għax dak l-Att jolqot l-għemil ta’ dawk li jsejħilhom “intrapriżi”. Għalkemm entitajiet statali jistgħu, jekk iwettqu attivitajiet ekonomiċi jew kummeċjali, jitqiesu “intrapriżi”, l-attività leġislativa (ewlenija jew delegata) tal-istat – li bis-saħħa tagħha daħal fis-seħħ l-A.L. 465/2011 – ma tistax titqies attività ekonomika jew kummerċjali.
24. Dan huwa minnu, iżda l-kwistjoni tibqa’ illi jista’ jkun hemm ksur tal-jedd ta’ proprjetà tal-attriċi mhux bl-Avviż Legali fih innifsu iżda jekk u meta l-impriża kompetitriċi tinqeda bil-jedd mogħti lilha biex tesiġi li jintraddulha ċ-ċilindri vojta f’ċirkostanzi fejn, jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda tieħu vantaġġ anti-kompetitiv.
25. Biex iżżomm lill-kompetitriċi tagħha milli taħgmel hekk l-attriċi ma kellhiex għalfejn tirrikorri għal dawn il-proċeduri. Fil-każijiet illi indirettament tagħmel referenza għalihom l-ewwel qorti – il-każ numru 5/2005 ta’ *Medical Laboratory Services Limited* u oħrajn deċiż fid-9 ta’ Ottubru 2006 u l-każ numru 1/2009 ta’ *Hompesch Service Station Limited* kontra l-Korporazzjoni Enemalta u oħrajn, deċiż fid-29 ta’ Marzu 2010 – il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust żammet impriżi kummerċjali milli jwettqu għemil anti-kompetitiv ukoll meta dak l-għemil setgħu jwettquh taħt leġislazzjoni sussidjarja.
26. Dan tista’ tfittex li tagħmlu l-attriċi wkoll jekk hija tal-fehma illi, jekk teżiġi li jintraddulha ċ-ċilindri vojta bi ħlas ta’ ħames euro (€5), il-kompetitriċi tagħha tkun qiegħda tieħu vantaġġ anti-kompetitiv u tabbuża minn pożizzjoni dominanti.
27. Ir-rimedju taħt il-Kap. 379 huwa preferibbli mhux biss għax huwa rimedju taħt liġi ordinarja iżda wkoll għax huwa maħsub speċifikament għas-sitwazzjoni li qiegħda tilmenta minnha l-attriċi – li tgħid li tqiegħdet fi żvantaġġ

kompetitiv – għax ir-rimedju ordinarju jolqot biss sitwazzjonijiet anti-kompetitivi u mhux, bħar-rimedju mitlub fil-proċeduri tallum, impunjazzjoni indiskriminata tal-A.L. 465/2011 ukoll f'sitwazzjonijiet fejn ma jittieħdu ebda vantaġġi anti-kompetitivi.

28. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas l-ispejjeż kollha kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------